DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 113/2009

tat-22 ta' Ottubru 2009

li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 103/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 540/2009 tat-22 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1450/2004 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' statistika Komunitarja dwar l-innovazzjoni ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dan l-inċiż li ġej għandu jkun miżjud mal-punt 31 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1450/2004) tal-Anness XXI tal-Ftehim:

"— **32009 R 0540:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 540/2009 tat-22 ta' Ġunju 2009 (ĠU L 160, 23.6.2009, p. 8)."

Artikolu 2

It-testi għar-Regolament (KE) Nru 540/2009 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-23 ta' Ottubru 2009, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

([1]) ĠU L 304, 19.11.2009, p. 21.
([2]) ĠU L 160, 23.6.2009, p. 8.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.